MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 9991/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexander Paul Miruzzi)
**Vs**
**Mohammed Sahied**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohammed Sahied ta` 20 sena imwieled Tripoli u ta` nazzjonalita Libjana iben Sahied u Hdixa nee' Trabelsi u li joqghod 122, Triq is-Sigra is-Swieqi u detentur ta` passaport numru mhux maghruf,

Talli fit-28 ta` Frar 2000 wara nofs in nhar fl-isptar San Luqa, ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna ta` Michelle Murgo u Marisa Bezzina, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed

jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu servizz pubbliku, jew bil-hsieb li ibezzaghhom jew li jinfluixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz u dan bi ksur ta` l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta,

Li l-imsemmi Mohammed sahied ma ghandux mezzi sabiex imantni lilu nnifsu u jista jkun ta` spiza addebitata lill-fond pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta` Marzu 2000 li biha awtorizzat zieda fl-akkuza:

Talli minghajr ma nghata permess ta` residenza, nizel l-art jew qaghad Malta minghajr il-permess ta` l-Ufficjal Principali ta` l-imigrazzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkunsidrat,

1. Illi mix-xhieda jirrizulta li fit-28 ta` Frar 2000 wara nofs in-nhar l-akkuzat fl-isptar Karen Grech/ San Luqa meta l-imsiehba tieghu Tania Borg kienet ser twelled tarbija, l-akkuzat hedded lil midwife Michelle Murgo waqt li kienet qed taqdi dmirha b`mod serju u gravi, u dan waqt li kienet ser twettaq il-hidma taghha biex titwieled tarbija li missierha ufficjali prezenti ikkonfermaw dak li xehdet Murgo. L-Imgieba ta` l-akkuzat setghet ikkawzat hafna affarijiet.

Jirrizulta ukoll li l-akkuzat nizel f`dawn il-Gzejjer minghajr il-permess ta` l-Awtorita u lanqas kellu biex imantni lilu nnifsu (ara xhieda ta` PS 1375 a fol 22 – 23 u stqarrija ta` l-akkuzat).

Issibu hati

Rat l-Artikolu 95 tal-kap 9 u l-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante li l-akkuzat illum mizzewweg u qed jiehu hsieb it-tarbija fuq imsemmija.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah that il-provedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur m`illum. Il-Qorti qed tfisser lill-hati l-import ta` din is-sentenza.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta` l-Artikolu 15 tal-Kap 217 tichadha billi qed tapplika l-imsemmi Artikolu u billi l-akkuzat illum hu mizzewweg cittadina Maltija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------